TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 39/79

Kaz Nru 41

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Michael Cordina
u
Sacha (Paceville) Ltd

Chairman: G A Craig

Data: 2 ta' Marzu,1979.

B'ittra tat-23 ta' Novembru, 1978, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' 1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Michael Cordina mill-Kumpanija Sacha (Paceville) Ltd, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba seduti li fihom deher ghal Michael Cordina is-Sur Francis Coleiro bhala Segretarju tat-Taqsima tal-Lukandi, Ikel u Haddiema Alleati, tal-General Workers' Union, u ghal Kumpanija Sacha (Paceville) Ltd, is-Sur Anthony Naudi, Office Manager tal-istess Kumpanija assistit mis-Sur Noel Scerri.

3. Statements of Case Ghal Michael Cordina gie sottomess illi mill-istess certifikat li tat il-Kumpanija lill-appellant jidher li dan dejjem ghamel xoghlu tajjeb filwaqt li gie mkecci ghaliex it-tabib tal-Kumpanija iddikjara li l-appellant ghandu problemi 'b-dahru' u imhabba hekk ma setghax jaghmel ix-xoghol tieghu. Wara li l-appellant sar jaf b'dan, mar ghand 'specjalista' ortopediku u dan iccertifikah li kien tajjeb ghal kull kwalita'ta'xoghol ghax sabu normali. Sostna li anki is-'sick leave record' tieghu ma kienx xi wiehed li seta b'xi mod jiggustifika tkeccija.

/.........

4. Ghall-Kumpanija gie sottomess li l-appellant kien qieghed jirraporta marid ta' spiss u t-tabib tal-Kumpanija kien iccertifikah bhala mhux tajjeb ghax-xoghol ta' 'cleaner-handyman' kif kien impjegat. Billi il-Kumpanija ma kelliex xoghol alternativ ma kelliex alternattiva hlief li tillicenzjah.

5. Xhieda fil-qosor L-appellant min jeddu qal li hu gie mpjegat mal-Kumpanija u beda jaghmel xoghol ta' 'maintenance','plumbing' u mastrudaxxa u wara li spicca min dan ix-xoghol beda jaghmila ta' fattiga. Ma rrifjuta qatt li jaghmel ebda xoghol u dak li tawh ghamlu dejjem anki meta tawh igorr affarijiet tqal izda darba meta tawh igorr gebel, gebel, u kien hemm xi truck u nofs, hu irrifjuta. Kien din id-darba biss li ma riedx jaghmel dak li ordnawlu izda ghamel kollox sahansitra garr ta' hamrija', u anki hadem meta baghtuh inaddaf ghand wiehed mid-diretturi. Semma li hu ma kienx jiehu 'sick leave' wisq u waqt ix-xhieda gie prodott dokument (dok I) mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li 'sick leave' tieghu kien hekk:

15 sas 16 ta' Decembru, 1977
12 sad 19 ta' Frar, 1978
18 sal 20 ta' Lulju, 1978

qal ukoll li t-tabib tal-Kumpanija qatt ma ttestjah f'dahru. Fuq kontro-ezami ix-xhud qal li hu kien ha X-rays ta' dahru xi sitt snin ilu meta kien l-Australja u kellu xoghol iebes hafna fuq il-'line' tal-karrozzi u kien ihoss ugigh..

6. Dr V Muscat M.D., D.M.R.T. (Lon), prodott mill-Kumpanija qal li hu kien it-tabib tal-Kumpanija Sacha u ghalhekk il-Kumpanija kienet tibghatu jara xi impjegati li jkunu rrappurtaw morda u fuq il-kaz ta l-appellant qal "dan irrapporta sick diversi drabi. Il-bicca l-kbira kull meta rrapporta sick dejjem b'dahru. Darba minnhom niftakar li mort u ghidtlu:'x'ghandek?' qalli 'is-soltu, dahri'. Ghedtlu 'ma jidher li ghandek xejn'. Qalli'jien anke X-Rays ghandi.' Ghedtlu 'fejn huma, gibhom'.

Għedtlu 'hawnimħa jidher li għandek xejn' - hu qalli 'ejja ħalli nurik, hawn ara ,għedtlu 'mhux li m'għandek xejn, imma mhux li tagħmel hekk." Mistoqsi jekk fejn hemm 'squashing of vertebrae' hemmx fejqan, ix-xhud wieġeb "le, dik hija kronika" u kompla izid illi jekk wieħed jerfa normalment jippreċipitaha, u li kien għalekk li hu irrakmanda light duties, għaliex skond l-X-Rays li kellu tal-Awstalja l-appellant ser jibqa xorta u mhux ser jirranġa.

7. John Azzopardi - Office Manager prodott mill-Kumpanija qal li ma jidhirlux li xi darba l-appellant talbu biex ma jagħmilx xogħol ta' tqandil izda ftakar li darba ma riedx imur jagħmel xogħol fi flat u hu ma setgħax jisfurzah imur għax dak ma kienx xogħol tal-Kumpanija. Qal ukoll, fuq kontro-ezami, li wara li spiċċa l-appellant, ġie sostitwit bi tnejn'part-timers' nisa.

8. Mr Albert Bartolo, M.D., B.Sc., F.I.C.S. - ortopediku speċjalista ikkonferma l-kontenut ta' ċertifikat li hu għamel fid-9 ta' Awwissu, 1978, fejn qal li hu ezamina lill-appellant "with reference to a recent complaint of backache" u ma sab xejn anormali fl-spina wara li għamillu ezami kliniku u iċċertifikat ikompli jgħid "He is fit for all types of work".

9. Mistoqsi mir-rapprezentant tal-Kumpanija jekk wieħed ikollu "squashing of vertebrae" ikunx tajjeb għal xogħol ta' strapazz, l-ispeċjalista wieġeb 'skond x'effett ikollha fuqu u skond min x'hiex tkun dovuta" u kompla jikkwalifika li din mhux kronika u fuq mistoqsija mit-Tribunal, wieġeb "jekk qegħda hemm 'it leaves traces' u kont ninvestigah izjed pero ma kellux bzonn investigazzjonijiet izjed dan il-bniedem".

10. <u>Sottomissjonijiet finali</u> Is-Sur F Coleiro għall-appellant qal li l-Kumpanija waqfet mix-xogħol lill-Michael Cordina għalhiex kellha fidejha ċertifikat ta' tabib li jgħid li l-appellant "ma setgħax jagħmel id-doveri bħala 'Cleaner' imħabba li jbati b'dahru. Dan iċ-ċertifikat kien jidher

bazat mhux fuq ezami imma fuq X-rays li l-appellant kien ha l-Awstralja snin ilu, u ma regghax intbaghad ghal X-ray gdid. Sostna li l-appellant qabel xejn inqas ma kien biss ha is-'sick leave' li ghalieh kien intitolat izda kien ha biss ftit granet u li dawn il-granet kienu dovuti darba ghal 'influenza' u darba biss 'lumbago'. Ta hekk hadd ma kellu jikkundanna bniedem li mhux tajjeb ghal-xoghol ta 'cleaner'. Fil-fatt anki dan ic-certifikat gie mwaqqa mill-ispecjalista li ddikjara li l-appellant kien setgha jaghmel kull xorta ta' xoghol. Sostna wkoll li skond ix-xhieda tal-Office Manager tal-Kumpanija, l-appellant dejjem ghamel ix-xoghol li kien ikkmandat jaghmel barra min dak li ma kienx tal-Kumpanija. Dan ukoll johrog mic-certifikat li l-Kumpanija stess tat lill-appellant meta qalet li "Mr Cordina carried out his duties well and to the Company's satisfaction".

11. Is-Sur N. Scerri ghal Kumpanija issottometta li minghajr ma jidhol fil-meriti tac-certifikati tat-tobba, il-Kumpanija kellha fidejha certifikat tat-tabib taghha li l-appellant imhabba l-ugigh ta dahru ma setghax jaghmel ix-xoghol li ghalieh kien impjegat izda seta' biss jaghmel 'light duties'. Kieku kellha l-Kumpanija xoghol ta' 'light duties' kienet tempjegah hemm izda dan it-tip ta' impieg ma kellhiex. Kellha ghalhekk certifikat wiehed biss u l-Kumpanija kellha kwalunkwe dritt li tagixxi fuqhu. It-tabib ma qalx li l-appellant ma kienx tajjeb ghax-xoghol izda li kien tajjeb ghal xoghol hafif. Fuq kollox il-Kumpanija inqas ma kellha fidejha ic-certifikat tal-ispecjalista ghax dan gie pprezentat fit-Tribunal biss. Ghalhekk il-Kumpanija kellha biss trieq wahda li [illegible] timxi fuq il-parir tat-tabib taghha.

12. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u> It-Tribunal ma setghax ma jinnotax li waqt li l-Kumpanija kellha quddiema zewg fatti relevanti hafna ghal kwistjoni, i.e:

(i) li l-appellant dejjem ghamel ix-xoghol kollu li kien mitlub jaghmel u ghamlu sewwa u ghas-sodisfazzjon [illegible] shieh tal-Kumpanija;

(ii) li l-appellant ma kien ha 'sick leave' twil qatt anzi mix-xhieda jidher li kien qasir;

kienet fid-dmir li tiddiskuti mat-tabib ic-certifikat li dan ir- rilaxxja qabel ma hadet id-decizjoni estrema ta' tkeccija. Dan it-Tribunal dejjem sostna li l-impieg huwa ghajxien ta' bniedem u aktarx wkoll ta' familja u ghalhekk hu sagrosant. Fil-fatt il-Gvern ta' Malta, minkejja li jkollu certifikat ta' tabib, fuq wiehed mill-impjegati tieghu qabel ma jiddikjara li dan l-impjegat mhux tajjeb izjed ghax-xoghol li qed jaghmel, jiehu l-hsieb li jissottometti lil dan l-impjegat ghal ezami ta' Bord ta' tlett tobba li gieli anki dan il-Bord jarah izjed min darba qabel ma jiddecidi li dan ma ghadux tajjeb ghax-xoghol li jirrikjedi l-impieg tieghu. U dan precizament ghax terminazzjoni ta' l-impieg hija haga serja hafna u decizjoni ma ghandhiex tittiehed facilment u fuq parir ta' tabib wiehed.

13. Quddiem il-fatti li kellha fidejha l-Kumpanija, qabel ma hadet il-kelma tat-tabib taghha bhala infallibbli, setghet tiddiskuti mieghu dan il-kaz bhal ma tiddiskuti il-parir ta' xi mpjegat taghha, gholi jew mhux, jekk ikun hemm bzonn, izjed u izjed meta tkun involuta tkeccija ta' bniedem. Fil-fehma tat-Tribunal dan seta sar u kieku, kif jidher mix-xhieda, dan l-impjegat kien sottomess ghal ezami kliniku ta' specjalista , kieku dan il-kaz ma kienx jigri.

14. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal isib illi r-ragunijiet ta l-ilment f'dan il-kaz huma bbazati tajjeb izda mhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal ma jidhirlux li 'reinstatement' ikun prattikabbli.

15. <u>AWARD</u> F'dawn ic-cirkostanzi it-Tribunal kif hu marbut mis-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att Nru XXX jordna ghalhekk li l-Kumpanija Sacha (Paceville) Ltd'li, bhala kumpens ghat-tkeccija, thallas lill-appellant Michael Cordina is-somma ta' £240 (mitejn u erbghin lira maltija)' "in full and final settlement" mhux aktar tard mid-9 ta' Marzu, 1979.

(S.Grech)
Segretarju

(G.A. Craig)
Chairman